MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 202/2007

Il-Pulizija
(Sgt. Maggur Dr. J. Grima LL.D)
(Sgt. Maggur Dr. K. Azzopardi LL.D)
Vs
Isabella Cilia

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. fl-4 ta' Marzu, 2007, ghall-habta tal-4.30 p.m, waqt li kienet fi Triq Sir William Jervois, Naxxar, volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u storbju;
2. insulentat bi kliem lil zewgha Robert Cilia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-

imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieha, izda lliberataha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlitt (3) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-22 ta’ Mejju, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull piena w imputazzjoni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma, fil-qosor, is-segwenti w cioe' :-

1. illi mix-xhieda tal-kwerelant innifsu, jirrizulta illi r-reati in kwestjoni ma jezistux. Mistoqsi esplicitament mid-difensur ta’ l-appellanti fil-prim’ istanza, u cioe’ jekk jistax ikun illi l-insulti in kwestjoni sehhew fl-4.30 p.m, il-kwerelant wiegeb bl-aktar mod kategoriku illi ma jistax ikun. Il-kwerelant, anzi, sahansitra qal illi dawn l-allegati insulti sehhew fis-2.30 p.m. u mhux fl-4.30 p.m. L-ewwel Qorti madankollu din id-differenza ta’ hin bejn ix-xhieda tal-kwerelant u l-akkuza ma hadithiex in konsiderazzjoni;
2. illi aggravju iehor manifestament car huwa l-aggravju tal-lok ta’ l-allegat reat. Ghal darb’ohra mistoqsi esplicitament dwar fejn sehh ir-reat, il-kwerelant fil-prim’ istanza wiegeb li r-reati sehhew fid-dar konjugali. L-akkuza addebitata lill-appellanti, ghall-kuntrarju, tindika li l-allegati reati sehhew fi Triq Sir William Jervois;
3. Illi fuq kollox, il-mala fede tal-kwerelant timmanifesta ruhha fil-quccata taghha fil-fatt illi r-rapport in kwestjoni mar jaghmlu biss wara li sar jaf li l-appellanti ghamlet rapport fil-konfront tieghu ghall-mod kif gab ruhu maghha. U ghaldaqstant hawn johrog il-mod kapriccuz kif il-kwerelant jaghmel uzu mill-proceduri kriminali biex jimpika ma’ l-appellanti;

4. Illi fuq kollox, PS 586 Brincat, li kien indikat bhala xhud fil-kawza odjerna, naqas li jidher u wisq aktar naqas li jikkonferma r-rapport maghmul minn Robert Cilia.

Semghet ix-xhieda ta' Robert Cilia u tal-appellanti fis-seduta tal-lum.

Peress illi mix-xhieda tal-istess kwerelant ma tirrizultax l-ewwel imputazzjoni ghaliex ma jirrizultax li saru xi atti da parti tal-appellanti li setghu jwasslu ghal ksur tal-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku kif kontemplat fl-artikolu 338 (dd) u kif applikat fil-gurisprudenza (ara App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Paul Busuttil"** [23.6.1994] u ohrajn) stante li dan l-incident al massimu kien jikkonsisti fi xi battibekk bejn zewg konjugi li kienu wahedhom fid-*drive in* tad-dar konjugali taghhom dak il-hin w peress ukoll li hemm konflitt serju fil-provi ghar-rigward tat-tieni akkuza ta' ingurji bi kliem, billi hemm zewg verzjonijiet djametrikament konfliggenti w ebda wahda mill-partijiet ma hi kkorroborata f’dak li qed tghid minn xi xhieda jew xi cirkostanza indipendenti, din il-Qorti ghandha dubju dettat mir-raguni dwar kemm tirrizulta t-tieni akkuza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------